*Artikoli 322,1001 u 558(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*Artikolu 158(11) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*
*'Pactum riservati domini'*

# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 7 ta' Lulju, 2017**

**Numru 15**

**Rikors Numru 1158/08TA**

**Paul & Rocco (Gzira) Limited (C-2661)**

**vs**

**Anthony Debono u Dr. Richard Sladden u P.L. Mario Mifsud Bonnici li b'degriet tat-30 ta' Dicembru 2008 nhatru bhala kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Luciano Ciantar**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta` attrici prezentat fl-20 ta' Novembru 2008 mahluf fl-istess data mill-Avukat Mary Grace Debono Roberts li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

"1. Illi s-socjeta` rikorrenti kif rapprezentata mid-Direttur taghha Victor Buhagiar, dahlet fi ftehim ta' *hire-purchade* ossija ta' vendita soggetta ghall-*pactum reservati dominii*, in konnessjoni mal-vettura tal-marka 'Mercedes', Numru ta' Registrazzjoni LGY-014, mal-konvenut

Luciano Ciantar, kif jirrizulta mill-anness Dok. P & R1; u dan oltre li gew iffirmati sensiela ta' kambjali mill-istess Luciano Ciantar in konnessjoni mal-pagamenti miftiehma, kopji annessi bhala Dok. P&R2;

2. Illi l-istess Luciano Ciantar l-ewwel talab il-permess tas-socjeta` attrici sabiex il-vettura tigi trasferita l-ewwel lil certu Joseph Micallef (ara Dok. P&R 3 u 4) u fit-tieni lok lill-konvenut Anthony sive Tony Debono (ara Dok. P&R 5), dejjem bil-patt illi jibqa' huwa responsabbli ghall-kumplament tal-hlas tal-pagamenti; is-socjeta` attrici fiz-zewg kazijiet tat il-kunsens taghha, soggett ghall-kondizzjoni li l-vettura tibqa' soggetta ghall-*hire purchase agreement* originali, cjoe` li Luciano Ciantar jibqa' obbligat li jkompli jaghmel il-pagamenti miftiehma, u soggett ghall-kondizzjoni li t-trasferiment isir taht ir-Regolament 25 tal-Motor Vehicle Regulations (jigifieri l-*log book* johrog bin-notament '*transfer restricted*' u min ikollu l-*log book* ma jkunx jista' jittrasferixxi minghajr il-kunsens tal-venditur sakemm ma jsirx il-hlas kollu);

3. Illi Luciano Ciantar waqaf ihallas u qata' kull kuntatt mas-socjeta` attrici l-ahhar informazzjoni tas-socjeta` attrici hija li siefer u telaq mill-pajjiz minghajr ma halla rekapitu; debitament informat bis-sitwazzjoni l-konvenut Anthony Debono sostna li Ciantar ghaddielu l-vettura bi tpartit u li skond il-ftehim taghhom kellu jkun Ciantar illi jkompli jhallas; u ghaldaqstant irrifjuta li jaghmel tajjeb ghall-hlasijiet dovuti minn Luciano Ciantar;

4. Illi ghaldaqstant is-socjeta` attrici ma kellha ebda alternattiva hlief li tezercita d-dritt li titlob lura l-pussess tal-vettura *de quo* ai termini tal-klawzola 4(ii) tal-ftehim tat-30 ta' Mejju 2004 (Dok. P&R1) izda l-konvenut Debono mhuwiex jaccetta dan u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

5. Illi prezentement il-vettura de quo tinsab maqbuda permezz tal-mandat ta' qbid numru 1739/2008 u tinsab f'idejn konsenjatarju nominat minn Anthony sive Tony Debono;

6. Illi r-rapprezentanti gudizzjarja tas-socjeta` attrici tiddikjara li jaf personalment bil-fatt hawn dikjarati;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:-

i. Tiddikjara li l-konvenut Luciano Ciantar naqas milli jhallas iktar minn zewg pagamenti ai termini tal-ftehim tat-30 ta' Mejju 2004 (Dok. P&R1);

ii. Tiddikjara li konsegwentement ghall-ewwel talba s-socjeta` attrici hija intitolata tiehu lura minghand il-konvenut Anthony sive Tony Debono l-pussess tal-vettura tal-marka 'Mercedes', Numru ta' Registrazzjoni LGY-014, ai termini tal-klawzola 4(ii) tal-ftehim tat-30 ta' Mejju 2004 (Dok.P&R1);

iii. Tiddikjara terminat u rexxiss il-ftehim tat-30 ta’ Mejju 2004 (Dok.P&R1) u konsegwentement:

(a) tiddikjara l-vettura tal-marka ‘Mercedes’, Numru ta’ Registrazzjoni LGY-014 proprjeta` esklussiva tas-socjeta` attrici;

u

(b) tannulla, tirrexxindi u thassar it-trasferiment tal-vettura *de quo* li gew registrati a bazi tal-ftehim tat-30 ta’ Mejju 2004 biex b’hekk ir-registrazzjoni tal-vettura *de quo* tirreverti ghand is-socjeta` attrici;

jew

(c) tordna lill-konvenuti jew lil min minnhom sabiex jersqu u jaddivjenu ghall-iffirmar tad-dokumentazzjoni necessarji sabiex il-vettura tigi trasferita lura lis-socjeta` attrici quddiem assistent gudizzjarju jew nutar mahtur ghal dan il-ghan minn dina l-Onorabbli Qorti f’gurnata, hin u lok li tordna l-Qorti, u tahtar kuraturi deputati sabiex jidhru ghall-eventwali kontumaci.

iv. Tordna konsegwentement lill-konvenut Anthony sive Tony Debono u lill-konsenjatarju attwali jew kull konsenjatarju li jista’ eventwalment jigi nominat fl-atti tal-mandat ta’ qbid Numru 1739/2008 sabiex jikkonsenjaw l-istess vettura lis-socjeta` attrici b’effett immedjat jew entro terminu qasir u perentorju li tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez legali, inkluzi l-ispejjez legali relattivi ghall-mandat ta’ qbid numru 1739/2008, bir-rizerva ta’ kull azzjoni ulterjuri fil-ligi, u bl-ingunzjoni minn issa tal-konvenuti in subizzjoni.”

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Anthony Debono prezentata fit-30 ta’ Jannar 2009 li permezz taghha wiegeb is-segwenti:-

“1. L-esponent m’ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta` rikorrenti.

2. L-esponent ma kienx parti fl-allegat ftehim tat-30 ta’ Mejju 2004 li sar bejn is-socjeta` rikorrenti u l-intimat Luciano Ciantar dwar il-bejgh tal-vettura Mercedes Nru. LGY 014. Lanqas ma l-esponent f’xi stadju wara ma rratifika l-allegat ftehim jew intrabat jew obbliga ruhu versu s-socjeta` rikorrenti inkella l-intimat Luciano Ciantar skond il-pattijiet ta’ l-istess allegat ftehim. Ghalhekk l-esponent huwa estranew ghall-pattijiet u kondizzjonijiet ta’ dak l-allegat ftehim li huwa *res inter alios acta* bejn il-kontraenti.

3. L-istess ighodd ghall-kambjali li l-intimat Luciano Ciantar allegatament accetta li jhallas lis-socjeta` rikorrenti. Imkien fil-kambjali ma jidher xi interess da parti tal-esponent.

4. L-esponent akkwista l-vettura Mercedes Nru. LGY 014 b'mod legittimu u skond il-ligi u ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti li huma dedotti kontra tieghu jew li jolqtu l-akkwist, pussess jew trasferiment tal-vettura Mercedes Nru. LGY 014 ghandhom jigu michuda kollha ghax huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

5. Salvi eccezzjonijiet permessi mil-ligi."

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturid deputati Dr. Richard Sladden u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici, li gew mahturin biex jidhru ghall-assenti Luciano Ciantar, prezentata fis-16 ta' Frar 2009.

Rat l-avviz tat-23 ta' Frar 2017 dwar l-assenjazzjoni ta' dmirijiet lill-Imhallfin ai termini tal-artikolu 11(3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, li bis-sahha tieghu l-kawza odjerna giet assenjata lil dina l-Qorti kif presjeduta meta kienet diga` imhollija ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Rat li l-kuraturi deputati ghall-assenti Luciano Ciantar, ghamlu dak kollu possibbli biex jiksbu l-informazzjoni halli jkunu jistghu jaghmlu kuntatt mal-imsemmi;

Rat id-dokumenti li gew esebiti in atti;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Rat il-verbal tal-udjenza tat-18 ta' Mejju, 2017, fejn il-kawza thalliet ghallum ghas-sentenza.

**Punti ta' fatti**

**1.** Fit-30 ta' Mejju 2004, il-konvenut Luciano Ciantar, permezz ta' ftehim ta' *hire-purchase* (a fol 5), akkwista minghand is-socjeta` attrici l-vettura tal-marka Mercedes bin-numru ta' registrazzjoni LGY-014 u dan bil-pattijiet u kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmi ftehim.

**2.** Dan il-ftehim kien soggett ghaz-zamma tas-socjeta` attrici ta' kull interess li kellha bhala propjetarja tal-istess sakemm jithallas il-prezz kollu.

**3.** Meta kien ghadu ma thallasx il-prezz kollu, din il-vettura bidlet l-idejn darbtejn. Darba meta ghaddiet minn fuq il-konvenut Luciano Ciantar ghal ghand Joseph Micallef u darba ohra minghand tal-ahhar ghal fuq il-konvenut l-iehor Anthony Debono.

**4.** Il-konvenut Luciano Ciantar mhux biss waqaf ihallas izda gheb ghal kollox tant li fil-kawza huwa maghdud bhala assenti u kellhom jinhatru kuraturi deputati biex jidhru ghalih.

**5.** Is-socjeta` attrici ghalhekk ghamlet din il-kawza biex abbazi tal-ftehim fuq imsemmi tiehu lura l-pussess tal-vettura in kwistjoni.

**Punti ta' Ligi**

**6.** Abbazi tal-ftehim li kellha mal-konvenut Luciano Ciantar, is-socjeta` attrici qeghdha tezercita d-drittijiet taghha tar-rivendikazzjoni tal-oggett

mobbli konsistenti f'vettura mertu ta' dak il-ftehim billi tirriprendi l-pussess tal-istess vettura minghand il-konvenut l-iehor Anthony Debono. Din l-azzjoni ta' rivendikazzjoni hija naxxenti minn kuntratt maghmul mal-konvenut Luciano Ciantar. Din l-azzjoni hija ukoll moghtija lis-sid ta' haga b'artiklu 322 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li kif ser ikun ikkunsidrat aktar 'l isfel, ai fini tac-cirkostanzi tal-kawza odjerna, dan l-artiklu jakkwista valur guridiku.

**7.** Il-punt legali involut fil-kawza odjerna huwa, jekk hiex esercitabbli, ir-riserva li zammet is-socjeta` attrici fil-ftehim mal-konvenut Luciano Ciantar u cioe`, dik tal-*pactum riservati domini*, fil-konfront tal-attur l-iehor Anthony Debono. Minn naha tieghu dan qieghed jikkumbatti l-pretensjonijiet tas-socjeta' attrici fis-sens li huwa estraneju ghal kollox ghal kull ftehim li seta' kien hemm bejn is-socjeta' attrici u l-konvenut Luciano Ciantar. Fi ftit kliem il-konvenut Anthony Debono qed jistrieh fuq dak li jistipula l-artikolu 1001 ta' Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> "Il-kuntratti ghandhom effett bejn il-partijiet li jikkuntrattaw biss, u ma jistghux ikunu ta' ħsara jew ta' gid ghal haddieħor, hlief fil-każijiet li tghid il-ligi."

**8.** Min-naha taghhom il-kuraturi deputati ghall-assenti konvenut, strahu l-aktar fuq il-fatt li s-socjeta` attrici naqset li ggib provi bizzejjed biex tipprova l-kaz taghha. Argument li ukoll gie avvanzat mill-konvenut l-iehor in linea ta' osservazzjoni izda mhux formalment bhala eccezzjoni.

**Konsiderazzjonijiet**

**9.** Il-Qorti ma tistax ma tikkummentax dwar in-nixfa ta' provi, b'mod partikolari mis-socjeta` attrici, li tul il-kawza strahet biss fuq id-dokumenti esebiti mar-rikors guramentat taghha. Di fatti, b'nota prezentata fil-15 ta' Ottubru 2009, is-socjeta` attrici ddikjarat li ma kellhiex provi aktar xi tressaq (a fol 63). Da parti taghhom, anke l-konvenuti ma pprezentaw ebda provi u ghalhekk huma wkoll qeghdin jistriehu fuq il-provi dokumentarji tas-socjeta` attrici, l-unici provi fil-kawza.

**10.** L-ewwel ma jrid jinheles huwa l-argument jekk id-dokumenti prezentati ghandhomx valur probatorju, u dan fid-dawl tal-insenjament fis-sentenzi citati mill-konvenuti fin-noti ta' osservazzjonijiet taghhom, in partikulari dik ta' **Maria Xuereb et –vs- John Callus (Kollezz Vol.LXV-II-153).** In succint, din is-sentenza u ohrajn, li saru referenza ghalihom, jinsistu li jekk dokument ezebit ma jigix konfermat bil-gurament ma jiswiex bhala prova tal-kontenut tieghu. Ergo, id-dokumenti kollha esebiti f'din il-kawza ghandhom ikunu skartati ghax ma humiex konformi ma' dan l-insenjament.

**11.** Il-Qorti taqbel ma' dawn is-sentenzi, izda b'modifika wahda. Li tali dokumenti tassew ghandhom ikunu skartati meta tinghata eccezzjoni formali ulterjuri f'dan ir-rigward. Jekk din ma tinghatax ulterjorment, ikun ifisser li l-konvenut ikun issokkomba ghall-kontenut ta' dawk id-dokumenti.

Punt bhal dan, ma jistax jitqanqal fit-trattazzjoni finali ta' sorpresa, meta l-ligi taghti l-mezzi biex jitqanqal ulterjorment b'eccezzjoni ulterjuri.

**12.** Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li jiddisponi l-artiklu 158(11) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta:-

> "Ir-risposta guramentata tista', **wara li jingiebu l-provi ta' l-attur u qabel ma l-konvenut igib il-provi tieghu**, tigi emendata b'nota separata, sew bir-rinunzja ta' wahda jew ohra mill-eccezzjonijiet, kemm b'zieda ta' eccezzjonijiet ohra, bla hsara ghal dawk l-eccezzjonijiet li jinqalghu f'kull stadju tal-kawza." (Kliem ingrass tal-Qorti).

**13.** Fi ftit kliem, jekk l-attur jaghzel li jhalli l-kontenut ta' dokumenti, li skont is-sentenzi fuq imsemmija ghandhom ikunu mahlufa minn min ikun irredigihom, ikun qieghed jissogra li tinghatalu eccezzjoni fis-sens kif inghad, fis-seduta li jkun imiss wara li jkun ghalaq il-provi tieghu. Jekk din l-eccezzjoni ulterjuri ma tinghatax mill-konvenut f'dik is-seduta, ikun ifisser, li l-kontenut ta' dawk id-dokumenti jkun qieghed jigi accettat. Sakemm ma tkunx eccezzjoni perentorja, li tista' tinghata f'kull stadju tal-kawza, kull eccezzjoni ohra titqies li tkun giet rinunzjata mill-konvenut jekk ma jaghmilx skont ir-rikjesti tal-artiklu fuq citat. Il-Qorti thoss li din hija wahda minn dawk l-eccezzjonijiet li kellha titqanqal u mhux aktar tard mis-seduta imsemmija.

**14.** Imiss li tkun ikkunsidrata l-eccezzjoni principali tal-konvenut Anthony Debono, eccezzjoni numru 2 (a fol 49). Dan il-konvenut qieghed

jikkontendi li sa fejn jirrigwarda lilu, hu ma kienx parti ghall-ftehim bejn is-socjeta’ attrici u l-konvenut l-iehor Luciano Ciantar.

**15.** Kif inghad aktar ‘l fuq, din l-eccezzjoni hija imsejsa fuq l-artikolu 1001 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta. Principju distillat fil-massima latina ta’ “*pacta tertiis nec presunt nec nocent”* u segwita minn dawn il-Qrati **(Ara “Albert Abela vs S. Mifsud & Sons Ltd” P.A. (RCP) 23/10/2001)**. Ghalhekk il-Qorti ser tezamina l-fatti kif jirrizultaw mill-atti sabiex tiskopri jekk il-konvenut Anthony Debono ghandux ragun.

**16.** Ma hemm ebda dubbju, li kemm mill-kawzali u kif ukoll mit-talbiet tar-Rikors Guramentat, is-socjeta` attrici qed tibbaza l-pretensjoni taghha fuq l-iskrittura tat-30 ta’ Mejju 2004 (a fol 5). Ghalkemm gew esebiti ghadd ta’ kambjali li jirrigwardaw lill-konvenut Luciano Ciantar biss, il-Qorti ma ghandhiex quddiemha l-azzjoni kambjarja. Il-kambjali pjuttost gew esebiti bhala prova biex ai fini tal-ewwel talba attrici, jigi stabbilit li l-konvenut Ciantar kien moruz f’zewg pagamenti.

**17.** L-involviment tal-konvenut Anthony Debono fil-kawza kien fis-sens, li huwa akkwista l-vettura fuq imsemmija minghand Joseph Micallef, li da parti tieghu, dan tal-ahhar akkwistaha minghand il-konvenut l-iehor Luciano Ciantar u dan dejjem bil-kunsens tas-socjeta` attrici skont kif jirrizulta minn Dok P&R4 (a fol 19) u Dok P&R 5 (a fol 20). L-intiza dejjem kienet li kull trasferiment ikun soggett ghall-famuz “Regulation 25”. Skont Dok P&R 3 (a fol 18), dan ifisser:-

"*Since this vehicle is being sold on hire-purchase terms we hereby request that although the road licence and registration be transferred onto the purchaser , the said purchased vehicle will not be transferred onto third parties unless the seller gives his consent in writing*."

**18.** Irid jinghad ukoll, li din hija koncessjoni *ex-gratia* tad-Dipartiment Governattiv, b'tali mod, li jekk it-trasferiment tal-vettura jithalla li jsir minkejja n-nuqqas ta' kunsens fuq imsemmi, id-Dipartiment ma jistax ikun tenut responsabbli mill-propjetarju. Prattika xejn ortodossa, li dak li jkun ftit li xejn jista' joqghod fuqha.

**19.** Irid ukoll jinghad, li din il-kundizzjoni fir-rigward ta' kull trasferiment futur tal-vettura meta ma jkunx ghadu thallas il-prezz kollu, hija imsejsa fuq Dok P&R 3 fuq imsemmi, li deher fuqu certu Victor Bugeja personalment u mhux mis-socjeta` attrici. Peress li f'dak id-dokument tissemma' l-vetttura mertu tal-kawza , din il-Qorti ser tehodha li din il-persuna dehret fuq dan id-dokument fl-interess tas-socjeta' attrici, galadarba li mid-dokument ta' registrazzjoni tal-vettura tidher li hija kienet ghadha s-sid (a fol 6).

**20.** Minn dan kollu jirrizulta, li meta l-konvenut akkwista l-vettura bhal ta' qablu, jidher li accetta li hu ma jkunx jista' jitrasferiha qabel ma jkun thallas il-prezz bilancjali lis-socjeta` attrici. Dan qieghed jinghad biss sa fejn jirrigwarda lill-konvenut Anthony Debono. Irid jinghad ukoll li l-Qorti

ma ghandhiex prova cara u konkreta, jekk dan id-dokument giex registrat debitament mad-Dipartiment inkwistjoni. Fl-atti hemm biss zewg resoluzzjonijiet tas-socjeta` attrici li jindikaw li hekk kellu jkun. Jekk dan sarx hija xi haga ohra.

**21.** Izda anke jekk sar hekk, is-socjeta` attrici ghandha quddiemha skoll legali, li fil-fehma ta' din il-Qorti ma rnexxilhiex tissupera fil-konfront tal-konvenut Anthony Debono. Il-kundizzjonijiet tal-ftehim ma' Luciano Ciantar ma jidhirx li gew tramadati lil kull wiehed mill-akkwirenti tal-vettura inkwistjoni. F'ebda hin ma l-konvenut Anthony Debono gie imsejjah biex jassumi l-obbligazzjonijiet li kellu l-konvenut Ciantar aktar u aktar meta l-konvenut Debono ma akkwistax direttament minghand Luciano Ciantar izda minghand xi haddiehor, cioe' Joseph Micallef. L-obbligi jigu tramandati lil terzi akkwiranti jew b'mod konvenzjonali u cioe` *ex-contractu*, li ma hux il-kaz, jew *ex-lege*, bhal ma huwa l-kaz ta' successjoni.

**22.** Skont it-trajettorja ta' negozji ta' kif din il-vettura spiccat ghand il-konvenut Anthony Debono jemergi, li l-hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura dejjem baqa' dovut mill-konvenut Ciantar lis-socjeta` attrici. Taht 'Regulation 25' huwa d-debitur originali li jibqa' obbligat li jhallas il-prezz u mhux min jakkwista il-vettura minghandu. L-aktar l-aktar li jista' jigrilu dak li jakkwistaha minghand id-debitur originali, hu, li jsib problema, jekk jmiss lilu li jerga' jitrasferixxi l-vettura lil haddiehor, sakemm ma jkunx espressament assuma mal-kreditur, l-obbligi tad-debitur originali.

**23.** Sa fejn jirrigwarda lill-konvenut Anthony Debono hemm punt iehor li jrid ikun ikkunsidrat. Hadd ma qieghed fid-dubbju li dan il-konvenut kien pussessur *in buona fede* tal-vettura inkwistjoni. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-artikolu 558(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi dan li gej:-

> "Ghal dawk li huma hwejjeg mobbli minnhom infushom, jew titoli ghall-purtatur, il-pussess ghandu, favur it-terzi ta' bona fidi, l-effett stess tat-titolu, bla ħsara tad-disposizzjonijiet ta' kull ligi ohra ghal dawk li huma bastimenti."

**24.** Fic-cirkostanzi, l-konvenut Anthony Debono ghandu jibbenefika mill-effetti ta' dan l-artiklu. Cerament xtara *animo domini*, b'titolu oneruz minghand persuna li setghet titrasferixxi. Issir referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet:- **Bertu Camilleri –vs- Harold Bartoli et noe, deciza fid-9 ta' Ottubru 2003:-**

> "*Sakemm ix-xerrej ikun in buona fede u jixtri l-oġġetti mhux bil-ħabi imma mingħand persuna li, apparentement, setgħet tbiegħ u tiddisponi minn dawk l-oġġetti, dak ix-xerrej isir il-proprjetarju ta' dawk il-mobbli*."

**25.** Meta l-konvenut Anthony Debono akkwista minghand Joseph Micallef ma kien hemm xejn dubbjuz jew suspettuz li seta jgieghlu jifhem li kien qieghed jakkwista b'mod difettuz.

**26.** Is-socjeta` attrici qeghda wkoll tippretendi, li abbazi tal-morozita` fil-pagamenti da parti tal-konvenut Luciano Ciantar, il-ftehim fuq imsemmi

ghandu jkun rexxiss. Ghalhekk din it-talba mhux qeghdha ssir ghal xi raguni I Titolu IV sub-titolu I tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jew ghal xi raguni ohra fejn kuntratt jista' jkun rexiss minhabba cirkostanza oggettivament stabbilita mill-ligi. Ir-rexxissjoni li qed tintalab hija imsejsa fuq ragunijiet li jemergu mill-ftehim sudett.

**27.** Minn ezami ta' l-artiklu 4 ta' dan il-ftehim jirrizulta, li r-rimedji a disposizzjoni tas-socjeta` attrici, fl-eventwalita` ta' inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenut Luciano Ciantar huma tnejn u cioe':-

1. "To demand immediate payment of full remaining balance at the time." jew

2. "To assume the immediate possession of the car ..."

**28.** Jidher, li sa fejn jirrigwarda din it-talba, is-socjeta` attrici qed tibbazaha fuq artikolu 1068 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ghaliex il-ftehim fih innifsu ma jipprovdiex espressament ghal xi kundizzjoni risoluttiva fl-eventwalita' ta' inadempjenza kuntrattwali da parti tal-konvenut Ciantar. Lanqas ma jista' jinghad li fic-cirkostanzi tapplika r-regola taht artikolu 117 tal-Kap 13 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din tapplika biss bejn kummercjanti. F'dan ir-rigward issir referenza ghall-artikolu 992 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li "Il-kuntratti maghmula skont il-ligi ghandhom sahha ta' ligi ghal dawk li jaghmluhom."

**29.** Apparti dan kollu dan ifisser, li galadarba s-socjeta` attrici eleggiet li tezercita wiehed mir-rimedji kuntrattwali, tant li t-tieni talba attrici hija specifikatament imsejsa fuq artikolu 4(ii) tal-ftehim fuq imsemmi, ma tistax immedjatament wara titlob ir-rexissjoni ta' dak il-ftehim u dan konsonanti mal-principju *electa una via non datur recursus ad alteram*.

**30.** Kwantu l-ewwel talba attrici, ciononostante` s-siccita` ta' provi da parti tas-socjeta` attrici, in vista tal-fatt li hadd mill-konvenuti l-ohrajn ma wera imqar l-icken dubbju dwar din it-talba, li wara kollox giet ikkonfermata bil-gurament fir-rikors, din il-Qorti hi tal-fehma, li fuq il-bilanc ta' probabilitajiet, il-konvenut Luciano Ciantar tassew naqas milli jhallas iktar minn zewg pagamenti. Ghalhekk l-ewwel talba attrici ser tintlaqa'.

**<u>Decide</u>**

**31.** Ghaldaqstant, in vista tas-suespost din il-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza bil-mod segwenti:-

**Tilqa'** it-tieni eccezzjoni tal-konvenut Anthony Debono u tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

**Tilqa'** l-ewwel talba attrici, fis-sens li l-konvenut Luciano Ciantar naqas milli jhallas iktar minn zewg pagamenti ai termini tal-ftehim tat-30 ta' Mejju 2004 (dok P&R1). Din it-talba qed tintlaqa' fil-konfront tal-konvenut Luciano Ciantar biss;

**Tichad** ghal kollox il-bqija tat-talbiet attrici.

Il-Qorti qed tirriserva kwalunkwe azzjoni ohra li s-socjeta` attrici talvolta ghad baqalha kontra l-konvenut Luciano Ciantar.

Spejjes tal-kawza kwantu ghal tlett kwarti ($^{3}/_{4}$) a karigu tas-socjeta` attrici u kwantu ghar-rimanenti kwart ($^{1}/_{4}$) a karigu tal-konvenut Luciano Ciantar.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**